MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2002

Rikors Numru. 65/2001/1

**Panor Limited**

**Vs**

**Joseph Coppini**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi l-kumpanija rikorrenti tikri lill-intimat il-fond hanut bin-numru 2C St. Dominic Street, Sliema verso kera ta’ Lm 730 fis-sena pagabbli bis-sitt xhur bil-quddiem fit-30 ta’ Novembru u 30 ta’ Mejju ta’ kull sena.

Illi l-intimat baqa moruz fil-hlas tal-kera ghall-iskadenzi tat-30 ta’ Novembru 2000 u 30 ta’ Mejju 2001.

Illi l-intimat gie nterpellat ufficjalment b'ittri ufficcjali tat-3 t'April 2001 u 5 ta' Gunju 2001 u ghalkemm notifikat baqa inadepjenti.

Ghaldaqstant l-kumpanija rikorrenti titlob lil dan il-Bord bir-rispett sabiex jigi dikjarat illi l-intimat ma hallasx zewg skadenzi ta' kera tat-30 ta' Novembru 2000 u tat-30 ta' Mejju 2001 nonostante interpellat uffucjalment u dan ai termini tal-artikolu 9 (a) (1) tal-Kap 69 u kwindi tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-fond 2C St. Dominu Street, Sliema u tiffissa terminu qasir u perentorju ghal tali zgumbrament.

Ra r-risposta:

Illi huwa gie notifikat bir-rikors ta' zgumbrament mill-fond numru 2C St. Dominic Street Sliema, li ghalih qed issir din ir-risposta.

Illi ghandu jigi puntwalizzat illi meta l-esponenti irceva l-ittra ufficcjali tal-5 ta' Gunju 2001 huwa tkellem ma' wiehed mill-azzjonisti/diretturi tas-socjeta rikkorrenti u infuramah li, dak iz-zmien, kien qieghed finanzjarjament hazin u ma setax ihallas l-obbligi tieghu u kien gie miftiehem illi l-istess direttur/azzjonista kellu ikellem lil shabu sabiex jaraw kif setghu jakkomodaw lill-esponenti billi ituh ftit taz-zmien ghall-hlas. Ghalhekk l-esponenti baqa ma hallasx fiz-zmien stabbilit fl-istess ittra ufficcjali u flok ma irceva risposta minghandu gie notifikat bir-rikors odjern.

Illi ghalhekk jidher car illi ma hemmx bazi tal-azzjoni odjerna stante li ma jissussistux l-elementi necessarji ghall-izgumbrament tal-intimat ai termini tal-artikolu 9 (a)(1) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi it-talbiet, kif proposti ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha.

Ra l-verbal tal-1 ta' Lulju 2002.

Ikkunsidra,

1. Il-mertu gie ezawrit imma xorta l-Bord irid jitlob fih biex jiddeciedi l-kap ta' l-ispejjez.

2. Din hija talba gfhal zgumbrament imhabba nuqqas puntwali ta' hlas ta' kera. Skond il-Kap 69 " il-kerrej jitqies li jkun naqas milli jkun puntwali fil-hlas tal-kera jekk dwar kull wahda minn zewg skadenzi jew izjed ma jkunx hallas il-kera fi zmien hmistax-il jum minn dak inhar illi sid il-kera jitolbu l-hlas."

3. Ir-rikors jirreferi ghall-zewg skadenzi:
1) 30 ta' Novembru 2000
2) 30 ta' Mejju 2001
4. Saret ittra ufficcjali fil-5 ta' Gunju 2001 ghal hlas taz-zewg skadenzi fuq imsemmija – ammont dovut Lm 730 u qabilha kienet saret ohra ghal skadenza wahda 30 ta' Novembru 2000 – 30 ta' Mejju 2001 – ammont dovut Lm 365.

5. Hekk intbaghtu zewg interpellazzjonijiet kif titlob il-ligi. L-ahhar ittra ufficcjali tlaqqa flimkien zewg skadenzi, haga li skond il-gurisprudenza tista ssir. Skond ix-xhieda moghtija mill-avukat Mark Chetcuti fl-1 ta' Lulju 2002 din il-kera ghadha ma thallsitx. (il-ligi ssemmi hmistax-il gurnata).

6. Ghalhekk dak li titlob il-ligi ghat-tkeccija minn fond imhabba nuqqas ta' hlas puntwali ta' kera dovut gie sodisfatt.

7. Li kieku l-mertu ma giex ezawrit il-Bord kien jilqa' talba ghal tkeccija. Ghalhekk l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------